# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-2 ta' Marzu 2023**

**Rikors Numru : 208/2018 JPG; 208/2018/2JPG**
**Kawza Numru : 16**

**FS**
**Vs.**
**1. MC**
**2. Direttur tar-Registru Pubbliku**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' FS datat 31 ta' Lulju 2018 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet kienu f'relazzjoni ghal madwar seba' snin li minnha twieldu l-minuri VC f'X u NC f'Y (certifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati Dok A u Dok B);*

2. *Illi minkejja illi fiċ-ċertifikat tat-twelid relattiv ġie dikjarat illi l-missier 'mhux magħruf', fil-verita' l-esponenti dejjem irrikonoxxa il-minuri VC u NC bhala wliedu;*

3. *Illi wara dizgwid li kellhom il-partijiet, l-konvenuta cahdet kull access u kommunika mal-esponenti ghall-uliedu u dan minghajr raguni valida minn Settembru 2017;*

4. *Illi huwa wkoll fl-aħjar interess tal-minuri illi tiġi stabbilita l-paternita' tal-istess minuri;*

5. *Illi l-paternita' tal-minuri tista' tiġi ddeterminata u ppruvata permezz ta' testijiet ġenetiċi. Illi f'dan l-ispirtu, l-attur permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru 39/2018 iddikjara li huwa beħsiebu japplika sabiex jiġi magħruf bħala l-missier tal-istess ulied u dan ai termini tal-artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta' (ara kopja tal-ittra uffiċjali hawn annessa u mmarkata bħala Dok C)*

6. *Illi l-konvenuta ntavolat nota fl-atti tal-ittra uffiċjali fejn indikat illi qabel isir ir-rikonoxximent jeħtieġ isiru l-aċċertamenti ġenetiċi ta' paternita' filwaqt li jitħallasu l-arretrati ta' manteniement u spejjeż (ara kopja tan-nota hawn annessa u mmarkata bħala Dok D);*

7. *Illi in segwitu, l-esponenti baghat ittra legali sabiex jirregola s-sitwazzjoni odjerna, liema ittra baqgħet mingħajr tweġiba;*

8. *Illi l-esponenti għandu interess illi tiġi ddikjarata il-paternita' reali tal-minuri VC u NC, aħwa C, sabiex ikun jista' legalment jeżerċita d-drittijiet tiegħu bħala missier;*

9. *Illi għaldaqstant l-attur ma kellux triq oħra għajr li jiftaħ il-kawża;*

10. *Illi l-fatti hawn dikjarati jafhom l-attur personalment;*

*Għaldaqstant, jgħidu l-konvenuti, għaliex dina l-Onorabbli Qorti ma għandhix:*

1. *Tiddikjara, okkorrendo bl-opera ta' esperti nominati minn din l-Onorabbli Qorti, illi l-missier naturali tal-minuri tal-minuri VC u NC, aħwa C huwa l-attur FS;*

2. *Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-imsemmija minuri billi fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri tikkanċella l-kliem 'missier mhux magħruf' u tissostitwih bl-isem 'FS' u tordna wkoll illi l-partikolarijiet relattivi għal*

*professjoni, sengħa jew stat ieħor, għall-eta' għall-*post tat-twelid *u residenza u għal isem u kunjom il-missier u jekk hux ħaj jew mejjet in kwantu jirreferi għal* missier *il-minuri jiġu korretti kontestwalment billi jiġu sostitwiti b'dawk il-partikolaritajiet li sejrin jirriżultaw waqt is-smiegħ tal-kawża;*

3. *Tordna li l-kura u kustodja taż-żewġ ulied minuri tkun waħda kunġuntiva bejn il-partijiet u tordna li ż-żewġ partijiet jieħdu dawk id-deċizjonijiet kollha relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-imsemmija minuri u dan if jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;*

4. *Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-konvenut għaż-żewġ ulied minuri tenendo kont l-introjtu tiegħu, liema manteniment għandu jibqa' hekk pagabbli sakemm l-imsemmija minuri jagħlqu l-età ta' tmintax (18)-il sena jekk jieqfu mill-iskola u jibdew jaħdmu fuq bażi full-time, jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddeċidu li jibqgħu jistudjaw u jiġu depożitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; filwaqt li tordna li l-konvenuta tirċievi kwalunkwe benefiċċji* tat-*tfal, inkluż imma mhux limitatament iċ-children's allowance, fl-intier tagħhom;*

5. *Tordna li l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri jiġu nkorsi ugwalment bejn il-partijiet;*

6. *Tiffissa granet ta' access tal-*esponenti *ghal minuri wlied;*

7. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex jirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-*Onorabbli *Qorti;*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, inkluż tal-ittra uffiċjali numru 39/2018 minn issa nġunti għas-*subizzjoni.

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta’ MC datata 27 ta’ Novembru 2018 a fol 19 et seq. li jaqra hekk:

1. *Illi fl-ewwel lok, u in linea preliminari, l-esponenti tissottometti illi l-atti m’humiex integri stante li l-minuri VC u NC m’humiex parti mill-istess proceduri u hadd ma gie mahtur biex jirrapprezenta l-interessi tal-istess;*

2. *Illi bir-rispett jigi sottomess illi l-minuri ahwa C ghandhom jigu kjamati fil-kawza u l-Omm ghandha tinhatar kuratrici ad litem biex tirrapprezenta l-interess tal-istess fil-proceduri odjerni;*

3. *Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad illi mhux kontestat li r-rikorrent kien sporadikament prezenti f’hajjet iz-zewg ulied, izda huwa qatt ma refa’ r-responsabbiltajiet tieghu bhala missier; lanqas meta l-Omm kienet tinsab biz-zewgt itfal go shelter tal-Appogg u kellha biss ghajnuna socjali mill-Istat bhala dhul;*

4. *Illi fir-rigward tat-talbiet, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, l-esponenti ma topponix ghall-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrent;*

5. *Illi l-esponenti topponi ghat-tielet talba li l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun wahda kongunta bejn il-partijiet; l-esponenti bhala omm thoss illi l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata lilha, b’dana illi l-minuri jirrisjedu maghha, b’access adegwat versu r-rikorrent;*

6. *Illi l-esponenti ma topponix ghar-raba’ talba u cioe` li jigi ffissat manteniment li r-rikorrent ghandu jhallas ghaz-zewg minuri, b’dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, u inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien mal-arretrati ta’ manteniment u spejjez ta’ sahha u edukazzjoni sa mit-twelid taz-zewg minuri;*

7. *Illi l-esponenti ma topponix ghall-hames talba;*

8. *Illi l-esponenti ma topponix ghas-sitt talba, dment li jigi accertat li r-rikorrent huwa missier il-minuri;*

9. *Illi l-esponenti ma topponix ghas-seba' talba;*

*Finalment, l-esponenti qed topponi wkoll ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni u tikkontendi li dawn ghandhom jigu akkollati lir-rikorrent.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-kontro-talba ta' MC a Fol 22 illi permezz taghha talbet ghall-kura u kustodja esklussiva tal-minuri u r-residenza ordinarja taghhom tkun fdata f'idejha; ghall-manteniment ghaz-zewgt itfal skond il-Ligi; li dan il-manteniment jinqata' direttament mill-paga jew servizzi socjali tal-attur rikonvenzjonat; u likwidazzjoni ta' ammont ta' kumpens ghall-manteniment, spejjez ta' sahha u edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari taz-zewg minuri mid-data tat-twelid taghhom; u li kunjom il-minuri ghandu jibqa' C.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 24 t'Ottubru 2018 a Fol 12 et seq. li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament, l-esponenti huwa tal-umli fehma illi ghall-integrita' tal-gudizzju, il-minuri VC u NC, ahwa C ghandhom ikunu parti minn din il-kawza, debitament rapprezentati ai termini tal-Artikolu 781, 782 u 783 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi bla hsara ghal premess, l-esponent jecepixxi illi fir-rigward tat-tielet, ir-raba' il-hames u s-sitt talba, huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur;*

3. *Illi bla hsara ghas-suespost, u fil-meritu, l-esponent jistqarr li ma huwiex eddott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;*

4. *Illi stante s-suespost, f'dan l-istadju l-esponenti jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji u umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jigi vverifikat jekk l-attur huwiex verament il-missier naturali tal-minuri VC u NC;*

5. *Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li jintlaqaw it-talbiet dedotti tar-rikorrenti minn din l-*

*Onorabbli Qorti, l-esponent jistieden lir-rikorrenti sabiex permezz ta' nota jipprezenta d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament is-segwenti: (1) in-numru tal-karta tal-identita'; (2) Ismu u kunjomu, (3) l-eta' tieghu meta twieldu l-minuri; (4) il-post tat-twelid tieghu; (5)il-post ta' residenza tieghu meta twieldu l-minuri; (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldu l-minuri. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-twelid tal-minuri;*

6. *Illi bla pregudizzju ghas-suepost il-partijiet kontendenti ghandhom ukoll jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandhom jassumu l-minuri u dan a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

7. *Illi finalment dejjem minghjar hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;*

8. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri,*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.*

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 30 ta' Novembru 2018 a fol 28 et seq ghall-kontro-talba ta' MC li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament, l-esponent jecepixxi illi fir-rigward tal-ewwel erba' talbiet huwa ma huwiex legittimu kontradittur;*

2. *Illi bla hsara ghas-suespost u fil-meritu, l-esponent jistqarr li ma huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;*

3. *Illi fir-rigward ghat-talba numru hamsa (5) u cioe li jkun fl-ahjar interess tal-minuri li dawn jibqghu maghrufa bil-kunjom 'C', l-esponent jeccepixxi li l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandhom jassumu l-minuri u dan a tenur tal-Artikolu 92 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. *Illi fid-dawl tal-premess, l-esponent jirrimetti ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeciedi hekk kif jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi odjerni;*

5. *Illi finalment u dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometi li fi kwalunkwe kaz din l-azzjoni mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjes tal-kawza istanti;*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata tal-attur ghall-kontro-talba ta' MC datata 17 ta' Dicembru 2018 a Fol 41 et seq li permezz taghha jichad l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet kollha ta' MC ghajr ghat-tieni talba b'dana li l-ammont tal-manteniment ghandu jkun wiehed ragonevoli tenut kont tal-introjtu tal-attur rikonvenzjonat.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni finali mill-avukati difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

***Sarah Cuschieri, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali xehdet nhar is-26 ta' April 2019 (vide fol 61 et seq)*** u spjegat illi l-attur qatt ma bbenefika jew ippercepixxa xi beneficcji socjali. Illi minn naha l-ohra l-intimata bbenefikat minn *children's allowance*, suplimentari tat-tfal, beneficcju tal-maternita, ghajnuna socjali bhala *single unmarried parent*. Ix-xhud tindika illi kien hemm xi *overpayments* li gew imnaqsa. Mistoqsija dwar l-*overpayments* li saru, ix-xhud tindika illi id-dipartiment ma kienx irrizultalu illi l-intimata kienet qieghda tifforma familja ghar-rasha, stante li kien irrizulta illi kienet qieghda toqghod ma' terzi. Ix-xhud tikkonferma illi fid-data ta-testimonjanza l-intimata kienet qieghda tippercepixxi biss ic-*children's allowance*.

***Joseph Saliba, Senior Executive fi hdan il-Jobs Plus, xehed nhar is-26 ta'April 2019 (vide fol***

***63 et seq)*** u prezenta l-*employment history* tal-intimata u dik tal-attur. Ix-xhud jikkonferma illi l-attur hadem l-ahhar fis-sena 2015 bhala *labourer* u jikkonferma illi mhuwiex jirregistra ghax-xoghol.

***Ivan Cilia in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali xehed nhar is-27 ta' Jannar 2020 (vide fol 80 et seq)*** ikkonferma illi l-attur mhu qed jiehu xejn mid-Dipartiment u qatt ma ha xejn, illi filwaqt li l-intimata, hadet ghajnuna socjali sal-21 ta' Settembru 2018 u sallum ghadha tippercepixxi ic-*children's allowance*.

***Dr Bryony Balzia Bartolo in rapprezentanza tal-Housing Authority xehdet nhar il-11 ta'Marzu 2020 (vide fol 90 et seq)*** u spjegat illi l-intimata qieghda fil-prezent tikri St Matthew's Court, Flat 2 Triq San Mattew Qrendi. Illi l-intimata dahlet f'dana il-kuntratt ghall-*Housing* fit-13 ta' Mejju 2014 liema kuntratt gie mgedded sas-17 ta'April 2024. Illi fil-passat, l-intimata kienet ibbenefikat *f'subsidiary scheme* darba biss fir-rigward il-fond Edelweis 28,flat 6 Triq Karm Zerafa Birkirkara. Illi l-intimata qieghda thallas EUR 210 fix-xahar bhala kirja flimkien ma' EUR 35 fix-xahar bhala kontribuzzjoni tal-*common parts*.

***Chamaine Psaila Regi in rapprezentanza tal-Aps Bank xehdet nhar il-11 ta'Marzu 2020 (vide fol 93)*** u xehedet illi mir-ricerki li sar ma rrizultaw l-ebda kontijiet f'isem il-partijiet.

***Lorraine Attard in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc xehdet nhar il-11 ta'Marzu 2020 (vide fol 96)*** u spjegat illi f'isem l-attur instab *savings account* li nghalaq fit-8 ta' Lulju 2014 u f'isem l-intimata instabu xi *savings account* li ghadhom miftuha u *term deposit account* li ghadu miftuh ukoll.

***Joanna Bartolo in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc xehdet nhar it-2 ta'Novembru 2020 (vide fol 105)*** u spjegat illi f'isem l-attur irrizultaw tlett kontijiet: *savings account* li infetah f'Dicembru tas-sena 2012 u inghalaq f' Lulju 2016, *loan account* li infetah f'Dicembru tas-sena 2012 u inghalaq f' Ottubru 2017 u *loan listed account* li infetah f'Ottubru 2017 u ghadu miftuh. Fir-rigward tal-intimata rrizulta illi hemm kont wiehed, *Savings Account* li infetah f'Novembru 2007 u ghadu miftuh.

***Joseph Saliba in rapprezentanza tal-Jobsplus xehed nhar l-24 ta' Frar 2021 vide fol 133*** u filwaqt illi esebixxa l-*employment history* tal-attur, u kif ukoll ir-*registration history* li minnha ma jirrizultax illi l-attur qatt irregistra ghax-xoghol. Illi x-xhud prezenta ukoll *employment history*

tal-intimata u anke *registration history* li hija wkoll vojta. Ix-xhud prezenta ukoll *infringement report* mill-Ispettorat taghha fil-konfront tal-attur, li jindika illi l-attur kien qieghed jahdem bhala kuccier il-Belt Valletta minkejja li ma kienx registrat. Jispjega illi l-attur ghandu impjieg li beda mill-1 ta' Settembru 2020 bhala *storekeeper*. Illi l-attur ma kienx registrat li kien qieghed jaghmel xoghol iehor.

***Stephen Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta xehed nhar l-24 ta' Frar 2021 vide fol 131*** spjega illi fil-prezent jidher illi hemm zewg vetturi registrati fuq isem l-attur. Ix-xhud prezenta dokument li jindika l-vetturi kollha li kienu registrati fuq isem l-attur fil-passat. Ix-xhud xehed ukoll illi l-attur ghandu fil-pussess tieghu *tag* ta' kuccier, liema *tag* ilha valida mill-25 ta' Lulju 2019 u ghandha validita' ta' hames snin.

***PS 2110 Maria Scicluna xehedet nhar il-5 ta' Mejju 2021 vide fol 150*** u spjegat illi l-unika rapport li sabet tal-attur fuq id-distrett tal-Imsida kienu fir-rigward ta' karta tal-identita mitlufa, u ma kienux hargu charges mill-ufficju. Ix-xhud prezentat il-fedina penali tal-attur.

***L-intimata xehdet in subizzjoni nhar il-5 ta' Mejju 2021 vide fol 136 et seq*** u spjegat illi bhalissa mhux qieghda tahdem ghalkemm hija tinzel tghin lill-partner taghha fil-hanut tieghu, *Big and Sale* f'Haz Zebbug, peress li ma jistax jsib haddiema. L-intimata tishaq illi hija mhi taqla xejn izda qieghda biss tghin lill-partner taghha bhal ma huwa jghin lilha. L-intimata tirrileva illi huma ma jghixux flimkien. Fir-rigward tar-relazzjoni taghha mal-attur li bdiet fis-sena 2009, tirrakkonta illi qatt ma kien hemm stabbilita' mieghu u kienet harget tqila mal-ewwel. Illi filfatt it-tifel twieled fis-sena 2010 filwaqt li t-tieni wild twieled fis-sena 2012.

Tishaq illi l-kontendenti qatt ma ghexu flimkien u kienet tispicca tigri minn post ghall-iehor ghaliex ommha kienet kecciètha u kienet ghamlet zmien tghix man-nanna tal-attur. Illi sussegwentement kienet ghamlet sena tikri, filwaqt li l-attur kien jixtrilha il-halib ghat-tifel. Illi sid il-post kien awmenta l-kera u minnhemm hekk marret fir-residena ta' Santa Tereza ghall-ommijiet li ma jkollhomx residenza. Tinsisti illi l-attur qatt ma ghaddielha flus ghall-kera u kien jaghti kontribut finanzjarju zghir meta kien ikollhom bzonn xi haga t-tfal. Tixhed illi meta kienet titolbu ghajnuna finanzjarja ghall-ispejjes tal minuri, l-attur kien jghidilha li huma hela ta' flus u meta tikkonsulta mieghu dwar certu spejjes, l-attur kien jghidilha li m'ghandux flus. L-intimata tinnega illi hija qatt kellha access ghall-kontijiet bankarji tal-attur. Tirrakonta illi fil-bidu tar-relazzjoni hija kienet tahdem pero l-attur qabad jahdem wara li harget tqila u fuq insistenza taghha stess. Tixhed illi r-relazzjoni taghhom kienet wahda tenwa, izda spiccat fis-sena 2015 meta hija

hadet post tal-*housing*.

Fir-rigward access, tispjega illi kien hemm diversi drabi fejn l-attur kien jghidilha li sejjer ghall-minuri biex imbaghad ma kienx imur. Illi wara assenza ta' tlett xhur, kien icempilha jghidilha li ghandu mitt ewro u jekk jistax imur jara lill-minuri. Meta ma kienx jghaddilha flus, hi xorta wahda kienet ittih l-access ghat-tfal. Illi pero it-tfal ormai ma jridux imorru ghall-access ma' missierhom. Illi fil-prezent tirrileva illi l-attur qieghed jaghmel sforz u jaghmel kuntatt maghhom billi jcempilhom. Izzid illi m'hemmx wisq rapport mal-familja u n-nanniet paterna u li da parti tal-familja paterna ftit kien hemm ghajnuna. Tinsisti illi l-kuntatt mal-attur u l-minuri qatt ma waqaf kompletament. Tishaq illi l-ispejjes tal-iskola dejjem kienet hi li kienet taghmel tajjeb ghalihom.

Tirrileva illi fil-bidu kien ukoll beda proceduri sabiex jirrikonoxxi lill-minuri bhala uliedu, pero ma kienx kompla. L-intimata tixhed illi qatt ma kien hemm sens ta' responsabbilita' da parti tal-attur versu uliedhom, u hija kienet l-unika genituri li baghtiet u irsistiet ghalihom. Mistoqsija jekk titlobx il-permess tal-attur meta ssiefer bil-minuri, l-intimata tishaq illi kien hemm biss episodju minnhom meta kellha ssiefer ta' malajr lejn Sqallija, fejn damet biss gurnata u hadet lit-tifel il-kbir maghha ghaliex it-tifel ma riedx jibqa' wahdu. Illi l-attur kien infurmat b'dana.

***L-intimata xehdet ukoll permezz ta' affidavit (vide fol 166 et seq)*** fejn spjegat illi hija iltaqghet mal-attur fis-sena 2005 izda qatt ma kienu f'relazzjoni stabbli. L-intimata tixhed illi hija kellha problemi ma' ommha u kien propju f'dan il-mument li kienet tispicca ghand l-attur. Illi flimkien huma kellhom zewgt itfal VC u NC ahwa C li llum ghandhom hdax il-sena u disa snin. Filwaqt illi l-intimata m'ghandha ebda oggezzjoni li l-attur ikollu access u li jkun prezenti fil-hajja ta' uliedu, tishaq illi tul is-snin l-attur spiss ghazel li jisparixxi ghal zmien twil minghajr ma jcempel biex imbaghad jitfacca wara xhur shah. Illi ghalhekk l-intimata ma tistax sserrah fuqu u ghalhekk hija qieghda titlob li jkollha l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri. Tishaq illi l-hin tal-access ma jkunx hin ta' kwalita mal-minuri u hafna mid-drabi il-minuri jispiccaw inaddfu l-hmieg tal-annimali gewwa r-razzett tal-attur u l-istess jinghad ghal meta jiehu lit-tfal jghumu, fil-bajjiet fejn inizzlu z-zwiemel. Izzid illi l-attur ghandu bzonn isegwi kors ta' *parenting skills* sabiex jghinuh jiehu hsieb lill-minuri bl-ahjar mod u dana fid-dawl ta' incidenti li kien hemm fil-passat.

Tixhed illi kien hemm perjodu fejn l-attur kien qieghed jallega illi binhom iz-zghir mhuwiex tieghu. Fir-rigward ghajnuna finanzjarja, l-intimata tirrileva illi l-attur qatt ma ghadda manteniment, u kien jghinha biss fix-xiri ta xi *preserves* u affarijiet zghar ohra. Illi peress li hi ma bdietx tlahhaq mal-ispejjes, kienet avvicinat lill-Agenzija Appogg fejn ghenuha ssib *shelter* u

ghamlet madwar sentejn tghix hemmhekk flimkien ma' uliedha. Illi meta kienet tavvicina il-bidu tas-sena skolastika, l-attur kien jaghmel tlett xhur shah ma jidhirx u dana sabiex jevita li johrog sehemu mill-ispejjes tal-iskola. Illi kien biss issa wara l-ordni ta' din il-Qorti, li l-attur beda jghaddi manteniment b'mod kwazi regolari, ghaliex spiss jaqbez xi xahar. Tirrakonta illi kien il-partner taghha illi ghamel tajjeb ghaz-zewg *laptops* li kellhom bzonn il-minuri waqt il-pandemija. Izzid illi hija ma tixtieqx illi wara dan iz-zmien kollu it-tfal jinbidlilhom kunjomhom.

***Steve Libreri, Direttur, fi hdan id-Direttorat tal-Harsien tat-Tfal xehed nhar it- 8 ta'Novembru 2021***, u spjega illi mir-ricerki li ghamel ma sab l-ebda rapport rigward it-tfal tal-partijiet, u lanqas ma sab informazzjoni ghar-rigward fis-sistema l-antika taghhom. Illi ghalhekk jidher illi qatt ma kien hemm C*hild Protection issues* fir-rigward il-minuri ulied il-partijiet.

***Catherine Aquilina, Social Worker fi hdan il-kommunita tal-Msida u Birkirkara xehdet nhar it-8 ta'Novembru 2021 spjegat illi*** hija kienet isegwi lill-intimata u lill-uliedha bejn Jannar 2013 u Ottubru tas-sena 2014. Tixhed illi l-intimata kienet ghamlet kuntatt maghhom peress li kien hemm problem finanzjarji u l-intimata, flimkien ma' uliedha, kienet ser tispicca *homeless*. Tirrakonta illi t-tifel il-kbir dak iz-zmien kellu tlett (3) snin filwaqt li z-zghir kellu sitt (6) xhur. Gara illi l-intimata kienet qieghda tghix fil-kera izda ma setghatx tibqa' aktar hemmhekk peress li sid il-post kien ser jawmenta il-kera. Tixhed illi huma hadmu maghha biex issib *shelter*, u filfatt dahlet f'Dar Tereza Spinelli fi Frar tas-sena 2013 u eventwalment harget minn hemm meta inghatat post tal-*housing* f'April 2014. Tispjega ukoll illi l-ghajnuna offruta kienet limitata ghar-relokazzjoni go *shelter*, u ghajnuna rigward t-*transfers* tat-tfal fir-rigward l-iskola. Wara li telqet mis-*shelter*, il-kuntatt maghhom kien ftit li xejn, stante li l-intimata kienet sabet xoghol u kienet qieghda tfendi tajjeb ghar-rasha. Tikkonferma illi mit-2014 sallum, ma regax kien hemm kuntatt. Fir-rigward il-missier, ix-xhud tindika illi da parti taghhom, ma kien hemm l-ebda kuntatt mieghu stante li hu ma kienx imnizzel fuq ic-certifikat tat-twelied u milli qaltilhom l-intimata, huwa ma kellux interess fit-tfal izda ma taf xejn dwar xi manteniment li seta' kien qed jghaddi l-attur.

In ***kontro-ezami*** ix-xhud tikkonferma illi meta hija kienet tkellmet mal-intimata, hi kienet qaltilha li m'ghadhiex mal-missier. Mistoqsija jekk qattx tiftakar li rat lill-missier, ix-xhud tishaq illi hija ma taf xejn fuq dan. Ix-xhud fuq domanda tad-difensur tal-attur, tispjega illi fir-rigward l-ghotja ta' post tal-*housing*, hemm sistema ta' punti li tiddependi mic-cirkostanzi tal-persuna, pero hi mhiex f'pozizjoni li tikkonferma jekk persuna tinghatax iktar punti ghax tkun go *shelter*. Pero' l-applikazzjoni ghall-post tal-*housing* kienet parti mill-pjan ta' kura anke ghaliex l-intimata setghet biss tibqa' gewwa *shelter* ghall-perjodu ta' sitt xhur biss. Ix-xhud tikkonferma illi l-intimata kienet

inghatat post Haz Zebbug xi xhur qabel ma inghatat il-post tal-Qrendi, izda kien hemm persuna fil-blokka li kienet ghamlet pussess fuq l-imsemmi flat u ghalhekk kienu talbu li l-intimata tinghata post alternattiv.

***Anthony Debattista, rapprezentant mill-Fondazzjoni Suriet il-Bniedem xehed nhar it- 8 ta'Novembru 2021*** u spjega illi l-intervent taghhom kien limitat ghall-*housing* u ghenu lill-intimata sabiex issib xoghol. Izid illi r-*referral* wasal ghandhom minghand FSWS u l-intimata flimkien ma' uliedha dahlet maghhom fi Frar tas-sena 2013 sakemm inghatat post tal-*housing*. Jixhed illi l-ghan principali tal-Fondazzjoni hija li jaghtu servizz meta persuna tkun *homeless*. Jirrakkonta ukoll illi fil-kaz tal-intimata kien hemm anke diffikultajiet familjari u hi kienet qieghda toqghod maghhom flimkien mat-tfal. Fir-rigward il-missier, jirrileva illi mill-informazzjoni li ghandu, l-missier kien issemma fil-bidu u l-intimata infurmatu illi l-missier ma kienx involut fit-trobbija tal-minuri u ma kienx interessat li jkun involut. Mill-informazzjoni li ghandhom ma jirrizultax illi dak iz-zmien l-intimata kienet ghadha f'relazzjoni mal-attur.

***Louis Buhagiar in rapprezentanza tal-Jobs Plus xehed nhar id-29 ta'Novembru 2021 (vide fol 397***) u filwaqt illi prezenta il-*Jobs Plus employment* u *registration history* tal-attur u kkonferma illi dakinhar tat-testimonjanza l-attur kien qieghed jahdem ma' ABB Limited bhala *storekeeper* fuq bazi full-time u beda fis-26 ta' Lulju 2021 u kkonferma illi qatt ma rregistra ghax-xoghol.

***L-attur xehed permezz ta' affidavit (vide fol 162 et seq)*** u spjega illi huwa iltaqgha mal-intimata f' Marzu tas-sena 2009 u bdew relazzjoni flimkien. Jishaq illi r-relazzjoni kienet wahda tajba hafna u wara ftit kienu ddecidew li jmorru joqghodu flimkien San Pawl il-Bahar fi propjeta li kienet mikrija lilhom minghand l-employer tal-intimata. Wara ftit l-intimata kienet inqabdet tqila bil-kbir u kienu ddecidew li jmorru joqghodu ghand ommha. Ghalkemm ma kienitx tqala pjanata, kienu kuntenti flimkien u kien imur maghha ghand it-tobba St.James. it-tarbija, in Lee twieled fil-X. Wara li twieled il-minuri, jirrileva illi l-intimata kienet qaltlu illi xtaqet li tirregistra lit-tifel bhala unknown father. Hu ma kienx ha gost b'dan imma la l-intimata kienet ddecidiet li taghmel hekk, ma kienx hemm mod li jibdilha fhemtha. Hi kienet qaltlu illi hekk setghet tiehu l-beneficcji ta' *single mother* u kien ser ikollha iktar flus. L-istess kien gara fit-tieni wild. F'dak iz-zmien huwa kien jahdem ma ta' Smina u t-tnejn kienu xtraw l-affarijiet ghat-tarbija biex meta titwieled ikollhom kollox preparati. Jiftakar illi kienu marru ghand il-Babyline u ghand il-First Years. Jirrakonta illi l-intimata kienet baghtiet hafna biex weldet lil-kbir u kienu ghamlu jumejn l-isptar. L-intimata kienet baqghet id-dar tiehu hsieb lit-tarbija u hu kien kompla jahdem. Meta kienet tidhollu l-paga huwa kien jaghtiha lill-intimata, u filghodu kien jahdem anke part-time biex

ikollhom iktar flus. Kienu ghamlu madwar sentejn jghixu ghand omm l-intimata u kienu telqu ghaliex ir-relazzjoni tal-intimata ma ohtha ma kienitx wahda tajba. Hu kellu ukoll problemi ma' ommha ghaliex kien ihoss li kien hemm indhil zejjed minghandha fuq kif ghandu jiehu hsieb lill-uliedu. Jirrileva illi hu u l-intimata kienu qablu li jmorru jghixu post iehor u kienu marru ghal ftit zmien ghand n-nanna tal-attur l-Imsida.

Wara ftit l-intimata harget tqila bit-tieni wild taghhom u kienu regghu marru jghixu ghand omm l-intimata, fejn kienu damu ftit zmien. Minn hemm marru jghixu Birkirkara f'post bil-kera ta' EUR 270 fix-xahar izda kellhom jimlew il-post. Ir-relazzjoni taghhom kienet wahda tajba u anke tal-attur ma' ibnu. Kien jahdem kemm seta' biex ikollhom il-flus ghall-familja peress li kienet gejja tarbija ohra. It-tieni tifel, NC twieled fit-Y u l-attur jishaq illi kien partecipi kemm matul it-tqala u anke dakinhar tat-twelid. Wara ftit, l-intimata kienet qaltlu li kien hemm habiba taghha u qaltilha li jekk tidhol f'*Shelter* ikollha iktar cans biex tiehu post tal-*housing*. L-intimata kienet iddecidiet li taghmel hekk minkejja li l-attur ma kienx kuntent b'din id-decisjoni. Il-kbir kienu ghadu jmur l-iksola B'kara u l-intimata kienet twasslu mill-Belt sa Bikirkara b'tal-linja, filwaqt li hu kien imur ghalihom l-iskola kuljum, hu u niezel mis-Siggiewi u johodhom lura s-*shelter*. Huwa jistqarr illi kien jaghti l-paga tieghu minn ta' Smina lill-intimata, tant li kien ta il-*cashlink*, filwaqt li hu kien jghaddi bil-paga tax-xoghol part-time. Hu kien jarahom kuljum peress li kien iwassalha u kienu anke jiltaqghu filghaxijiet. Eventwalment l-intimata kienet inghatat post f'Haz-Zebbug izda minhabba l-girien kienet irrifjutatu u minhabba dan kienet reggghet marret lura fis-*shelter*. Meta imbaghad inghatat post il-Qrendi, l-attur jixhed illi hu mar jghix maghhom. Illi kien f'dan il-perjodu li ma kienux qieghdin jaqblu u kien qieghed ikollhom hafna argumenti. Illi permess ta' messagg, l-intimata kienet qaltlu li jkun ahjar jekk jitterminaw ir-relazzjoni. Dan kien f'Ottubru tas-sena 2014. Hu ma kienx mar lura d-dar u mar ghamel gimgha jghix ghand ommu. L-intimata kienet nizzlitlu hwejjgu ghand ommha Haz Zabbug u mar gabarhom minn hemmm.

Issostni illi kienu qablu li hu jmur jara it-tfal il-Gimgha u s-Sibt ghal ftit sighat u l-Hadd ikunu mieghu gurnata shiha u li anke kien baqa' jaghtiha l-ammont ta' EUR 280 fix-xahar filwaqt li kienu jaqsmu l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni. Hu kien anke iwassal lil VC l-*Iscouts* u gieli anke gabru mill-Karate nhar ta' Sibt. Jixhed illi hu kien diga beda proceduri sabiex jirrikonixxi lill-uliedu u kienu baghtu ittra lill-intimata izda hi qatt ma wiegbet ghal din l-ittra.

Jirrakonta illi l-akbar argument li kien inqala bejnithom kien fir-rigward ta' kont ta' EUR 400 ghall-spejjes edukattvi u tobba. Hu ma kienx lahaq hallassha taghhom sal-gurnata li kienu qablu fuqha u l-intimata kienet batitlu messagg fejn qaltlu li jista' ma jmurx aktar ghat-tfal. Kien rega'

baghtilha ittra f’ Marzu tas-sena 2018 izda kien riluttanti ghaliex ma xtaqx li jidhol il-Qorti izda ma kellux ghazla ohra. Fl-affidavit tieghu l-attur jiddikjara illi huwa qieghed jahdem mal-Aviaserv u ghandu introjtu ta’ circa EUR 1000, izda huwa ghandu diversi spejjes. Huwa jixhed illi l-kura u l-kustodja ghandha tkun wahda kongunta u li l-partijiet jiehdu decizjonijiet flimkien, b’dana illi l-minuri ghandhom jibqghu jghixu ma’ ommhom filwaqt li hu ghandu jkollu access. Izid illi huwa ma jiflahx ihallas aktar min EUR 400 fix-xahar filwaqt li jikkontribwixxi minn sehemu ghall-ispejjes.

***MC, l-intimata xehdet nhar it-2 ta’ Frar 2022 (vide fol 254***) u spjegat illi t-tfal llum ghandhom disgha (9) snin u hdax (11) – il sena. Tikkonferma illi ormai l-attur ilu ma jarahom u qata’ kull kuntatt u anke manteniment. Tixhed illi f’Settembru 2021, kienet baghtitlu fir-rigward manteniment ghaliex kellu jaghtiha xi arretrati, u ma kienet semghat xejn minghandu. Mistoqsija jekk pruvax jarahom, hija tirrileva illi l-attur ma ghamilx mezz biex jigbidhom lejh u m’hemm l-ebda interess da parti tieghu.

***L-intimata MC in kontro-ezami nhar it-2 ta’ Gunju 2022 a fol 281 et seq*** ikklarifikat illi r-relazzjoni taghhom bdiet fis-sena 2009 u kellhom l-ewwel wild fis-sena 2010. Hija tichad illi r-relazzjoni taghhom kienet wahda stabbli u tishaq illi huwa kien jirrikattaha jekk titilqu. Hija tispjega illi kienu jiggieldu imbaghad jergghu jirrangaw. Illi imbaghad fis-sena 2013/2014 ir-relazzjoni taghhom giet fi tmiemha. Tikkonferma illi fil-bidu l-attur kien imur jara lit-tfal meta kien irrid ghaliex hi qatt ma cahditu minnhom, u kien biss ghal xi xhur li l-attur kien jarahom b’mod regolari. Hija tishaq illi kull meta irceviet xi haga mill-Qorti, dejjem marret ghand l-avukat taghha. Hija tinnega li qatt waqfet l-access ghaliex ma kienx qieghed ihallas sehmu mill-ispejjes. Illi kien hemm zmien fejn hija talbitu li jaghmel rikors il-Qorti ghall-access wara li kien hemm perjodu shih fejn ma kienx ra lill-minuri. Tikkonferma dak li qalulha t-tfal fir-rigward l-episodju fejn l-attur ha lit-tfal jghumu fejn inizzlu z-zwiemel u anke tikkonferma illi meta l-attur icempel lit-tfal huma ma jirrisponduhx ghaliex il-kbir ma jridx ikellmu. Mistoqsija fuq il-fatt li l-attur jixtieq illi jmorru *family therapy*, hija tikkonferma illi meta kellhom bzonn, hadithom hi u hallset hi. Illi dan kien meta wiehed mill-minuri kien *bullied*, pero issa ma tixtieqx illi t-tfal jidahhlulhom flieles go mohhom.

***L-intimata ri-prodotta in kontro-ezami xehdet nhar il-11 ta’Novembru 2022 (vide fol 400 et seq)*** u mistoqsija dwar l-incident fejn il-minuri kien qed jaghmel xi mossi tal-karat waqt l-access mal-missier, u li l-minuri wegga ghaliex kien ta daqqa ta’ sieq lill-missier, l-intimata tirrileva illi hi ma kienitx maghhom, pero’ l-attur kien gabilha lill-minuri u hallih fuq il-parapett minghajr ma

qalilha li t-tifel kien wegga. Illi hi kienet haditu l-*health centre* u kienu qalulha li kellu siequ miksura. Illi sussegwentement l-attur lanqas mar ghall-minuri ghal sitt gimghat shah. L-intimata tinnega illi l-minuri kien kiser biss subghajh u tinsisti illi kien kiser saqajh kollha. Hija tafferma illi ma kienitx ghamlet rapport kriminali ghaliex hi tevitahom. Mistoqsija dwar ir-raguni ilghaliex it-tifel il-kbir m'ghadux ikun irrid imur ghal access u jekk kemm-il darba din kienetx ghall-fatt li fil-birthday tieghu l-attur kien gablu biss doughnut, l-intimata tikkonferma illi din ir-riluttanza bdiet minn dak inhar u li hi kienet infurmat lill-attur b'dana kollu. Tinsisti illi meta l-minuri kellhom bzonn terapija hadithom u li issa huwa l-attur li ghandu bzonn terapija sabiex ikun responsabbli mal-minuri. Tichad li kien binhom iz-zghir li kien jghid li l-attur mhuwiex missieru. Tinsisti illi kien l-attur li kien jinsinwa dan. Mistoqsija fuq ir-raguni ilghaliex l-ulied inkitbu fuq missier "mhux maghruf", hija tishaq illi l-attur qatt ma kien responsabbli ghalihom u li ghalkemm harigha tqila, ma setghatx tafdah. Di piu' l-attur qatt ma iggieled ghal uliedu. Illi l-ewwel proceduri li fetah ma kienx komplihom. Tinnega illi irregistrat lit-tfal b'dana l-mod biex takkwista post tal-*housing* u li kien ghalhekk li marret f'*shelter*. Tichad ukoll illi l-attur kien jaghtiha l-*card* tieghu u l-flus mill-paga tieghu. Tishaq illi t-tfal ghandhom jibqghu maghrufin b'kunjomha ghaliex hekk kibru u llum hekk imdorrijin. Tispjega illi issa ilha sena u nofs bla kuntatt mal-attur u ma tafx jekk l-attru ghadux jahdem bil-karozzzin jew le.

***Omm l-attur CS xehdet permezz ta' affidavit (vide fol 214 et seq)*** u spjegat illi wara ftit xhur li l-attur beda johrog mal-intimata, huma bdew jghixu flimkien u matul iz-zmien biddlu r-residenza taghhom diversi drabi. Tishaq illi hi dejjem rat lill-attur igib rispett lill-intimata u ma kienux ilhom jghixu flimkien hafna meta cemplitilha omm l-intimata biex tghidilha illi l-intimata harget tqila. Illi meta wasal il-jum tal-hlas, kienu marru kollha l-isptar flimkien mal-familja tal-intimata u qaghdu jistennew sakemm twieldet it-tarbija u tghidx kemm kienu ferhanin. Tixhed illi meta twieled VC, l-attur kien imur ghandha darba fil-gimgha u huma kienu jmorru jaraw lit-tarbija ghand omm l-intimata. Dak iz-zmien binha kellhom zewg *jobs* u kienu jidhru kuntenti fir-relazzjoni. Kienet ghamlet zmien tmur kuljum ghand omm l-intimata biex taghti l-ahhar bottle lill-minuri. Illi meta l-intimata kienet inqabdet tqila bit-tieni wild, hi kienet qaltilha *new home new baby*. Dak iz-zmien l-intimata ma kienitx tahdem u kienet ghamlet xi zmien tghix ghandha u kienet tara li r-relazzjoni ta' binha ma' VC kienet tajba. Illi binha flimkien mal-intimata u uliedhom kienu marru jghixu go post tal-kera, u wara l-intimata marret go *shelter* il-Belt bil-ghan li tipprova tiehu post tal-gvern u kienet damet xi sena hemm. Izzid illi huma kemm il-darba marru jarawha fis-*shelter*. Illi sussegwentement, ix-xhud tirrileva illi l-intimata kienet hadet post Haz-Zebbug izda kienet irrifjutatu biex hadet flat il-Qrendi. F'dan il-perjodu l-attur kien jiehu lit-tifel ghand ix-xhud. Tixhed illi l-partijiet kienu ghamlu zmien flimkien jghixu l-Qrendi illi

eventwalment l-attur kien mar ghamel gimgha ghandha u kien qalilha illi hassru. Illi fil-bidu, l-attur kien jiehu lit-tfal ghandha, u johrog bihom u anke raqdu xi darbtejn ghandha. Izda wara bdew jinqalghu l-intoppi. Illi maz-zmien l-attur kien qal lix-xhud li l-intimata ma bdietx ittih access ghat-tfal u hi bdiet iccempel lill-intimata biex issaqsiha fuq it-tfal. Tinsisti illi l-intimata kienet tghidilhom li fuq it-telefon hemm "omm Franklyn" u mhux in-nanna u filfatt lill-attur isejjhulu b'ismu u mhux papa'. Ix-xhud tishaq illi hi kienet tipprova taghmel kuntatt izda l-intimata kienet qatghet il-kuntatt. Kienet ukoll tiehu pjacir tixtrilhom xi affarijiet li t-tfal kellhom bzonn ghall-iskola, u li fil-Milied anke haditilhom ir-rigali, izda l-intimata kienet hallithom barra u kienu fethu r-rigali fuq il-bankina. Tishaq illi anke kienet offriet li thallas il-libsa tal-precett ta' VC izda l-intimata kienet irrifjutat.

**Ikkonsidrat:**

Din hija kawza maghmula ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kodici Civili, li jirregola l-azzjoni ta' filjazzjoni intavolata mill-missier li jkun irid jirrikonixxi tarbija li taghha hu jghid li hu l-missier. Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

> ***"(1) Iben jew bint imnisslin jew imwielda barra miż-żwieġ jistgħu jiġu magħrufin mill-ġenituri, sew mit-tnejn flimkien kif ukoll separatament:***
>
> ***Iżda meta l-persuna li tagħraf ruħha bħala l-ġenitur li ma wiledx hija minuri, l-għarfien huwa null:***
>
> ***Iżda wkoll l-għarfien ta' iben jew bint imwielda barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun il-ġenitur li ma wiledx, li jsir separatament mill-ġenitur li wiled, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba l-ġenitur l-aħħar imsemmi, jew il-werrieta tiegħu jekk dan ikun mejjet, u l-iben jew il-bint infushom jekk ikunu laħqu l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dak l-għarfien, u l-ġenitur li wiled jew il-werrieta tiegħu, kif ikun il-każ, u l-iben jew il-bint ma jkunux fi żmien xahrejn minn tali notifika, permezz ta' nota preżentata fl-atti tal-imsemmija ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota ta' ftehim li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jirreġistra l-imsemmi għarfien fl-atti relattivi tal-istat ċivili:***

> ***Iżda wkoll meta l-ġenitur li wiled jew l-iben jew il-bint li jkollhom l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni, kull persuna interessata tista' tmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li l-persuna li tkun għamlet l-għarfien hija l-ġenitur li ma wiledx u biex tordna r-reġistrazzjoni ta' dak l-għarfien fl-atti relattivi tal-istat ċivili***

Mill-atti jirrizulta illi l-partijiet kienu involuti f'relazzjoni intima. Illi l-intimata welldet zewgt itfal, VC li twieled f'X u llum ghandu kwazi X sena u NC li twieled f'Y u ghandu circa Y sena, u dana kif jidher mill-atti tat-twelid relattivi *a fol 6 u 7* tal-atti. Kif jirrizulta mill-atti tat-twelid esebiti, il-minuri gew registrati mill-intimata bhala ulied missier mhux maghruf.

Il-Qorti rat ukoll illi mit-testijiet genetici esebiti *a fol 52 et seq*, liema testijiet gew konfermati bil-gurament minn Dr Marisa Cassar nhar il-21 ta' Jannar 2019 li f'kawzi bhal dawn huma l-prova regina, jirrizulta car illi r-rikorrenti huwa l-missier biologiku ta' entrambi l-minuri. Illi ghalhekk il-parentela tal-minuri giet stabbilita' minghajr ombra ta' dubbju u minn dan isegwi illi t-talbiet tar-rikorrenti huma fondati fil-fatt u fid-dritt, u kwindi ghandhom jigu milqugha.

Illi l-Qorti rat ukoll illi l-attur kien intavola l-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 86 tal-Kodici Civili nhar il-11 ta' April 2018 (Ittra Ufficjali numru 39/2018 a fol 8 tal-atti), liema ittra giet notifikata lill-intimata fis-16 ta' Gunju 2021. Illi permezz ta' nota datata 11 ta' Mejju 2018, l-intimata kienet irrispondiet illi jehtieg li jsiru l-accertamenti genetici tal-paternita. Illi sussegwentement, l-proceduri odjerni gew intavolati mill-attur nhar il-31 ta' Lulju 2018.

Fir-rigward il-kwistjoni tal-kunjom tal-minuri, din il-Qorti rat illi il-partijiet ma waslux ghal qbil. Illi din il-Qorti hasbet fit-tul ghar-rigward u tqis illi dak rilevat mill-intimata omm huwa ragonevoli. Illi din il-Qorti ma tqisx illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri illi, wara dawn is-snin kollha li l-minuri ilhom maghrufa bil-kunjom C, dawn ghandhom jirrispondu ghall-kunjom SC. Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-minuri ikunu esposti ghall-ferm anqas disagu kemm-il darba jgibu il-kunjom CS.

**Ikkonsidrat:**

Fir-rigward tal-manteniment ghall-minuri, il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess beneficcju taht trust.***

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marina Galea vs Mario Galea*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tal-lum tikkunsidra bhala necessita` ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom."***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

> ***..........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Il-Qorti rat illi kif ntqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Audrey Buhagiar pro et noe vs Daniel Schembri*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Mejju 2015, liema ragunament kien gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016:

> ***"Il-Qorti qieghda tikkunsidra wkoll rilevanti il-fatt illi l-omm ghandha l-kustodja tat-tifla peress li tirrisjedi maghha. Dan l-istat ta' fatt min-natura tieghu jillimita l-potenzjal ta' kemm l-omm tista' ddum barra mid-dar sabiex tiggenera dhul."***

Din il-Qorti taghraf ukoll illi t-trobbija tal-ulied mill-genitur li mieghu jew maghha jirrisjedu diga giet rikonoxxuta mill-Qrati Maltin bhala kontribut versu l-manteniment dovut ghalihom skont il-ligi. Kif jinghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deciza millQorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"tenut kont tal-fatt li, t-tfal qed ikunu aktar mal-attrici milli mal-konvenut, l-oneru tat-trobbija waqa' kwazi kollu fuqha u minn dan l-aspett hija qed taghti kontribut sostanzjali, inkluz dak mhux finanzjarju, ghall-manteniment taghhom."***

Fir-rigward il-kura u l-kustodja din il-Qorti taghraf illi kif ritenut anke fil-gurisprudenza nostrana

f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fil-kawza ***Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli***[2] intqal:

> ***Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin sew meta jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut...***"

Illi fil-kawża fl-ismijiet ***Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless***[3]**,** il-Qorti kienet qalet illi:

> ***La cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitara col marito, deve essere commessa ed affidata a colui frai i conjugi che si rinconoscera piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla lora eta' ed a tutte le circostanza del caso sotto quei provvedimenti che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli.***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici

---

[1] Enfazi tal-Qorti.
[2] Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[3] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil- 8 ta'Dicembru 1858.

Civili.[4] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[5]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[6] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[7]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[8]

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahjar interess tal-minuri".***[9]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Meli vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one***

[4] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[5] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[7] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[8] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[9] Enfazi tal-Qorti.

***parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the Court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[10] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

Illi fir-rigward l-access, inghad illi huwa generalment fl-ahjar interess tal-minuri illi tigi preservata r-relazzjoni taghhom maz-zewg genituri, indipendentement mill-istat tar-relazzjoni ta' bejn il-genituri stess. Illi l-Artikolu 57 tal-Kap 16 jipprovdi kif segwenti:

***(1) Tkun min tkun il-persuna li f'idejha jiġu fdati l-ulied minuri tal-miżżewġin, il-miżżewġin jibqgħu fil-jedd li jaraw li kollox qiegħed isir sewwa għal dak li hu manteniment u edukazzjoni, u jibqgħu obbligati li joħorġu s-sehem li jmisshom għall-manteniment u l-edukazzjoni, skont il-liġi.***

***(2) Hu mħolli fid-dehen tal-Qorti li tistabbilixxi, skont iċ- ċirkostanzi, iż-żmien, il-lok, u l-mod li fihom il-miżżewġin ikollhom aċċess għall-ulied.***
***(3) Il-Qorti tista' tipprojbixxi għal kollox lill-missier jew lill-omm li jkollhom***

[10] Enfazi tal-Qorti.

***aċċess għall-ulied minuri tagħhom, meta dan jista' jkun ta' ħsara għall-ġid ta' l-istess minuri.***

Meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-genituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizzjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizjoni thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

**Ikkonsidrat:**

Illi fir-rigward il-kura u l-kustodja tal-minuri, il-Qorti gharblet l-verzjonijiet moghtija mill-partijiet li jidhru li huma diametrikament opposti, b'dana illi filwaqt li l-attur jishaq illi hu dejjem kellu rapport tajjeb ma' uliedu, l-intimata ssostni illi ftit li xejn kien prezenti fil-hajja ta' uliedhom. Din il-Qorti rat ukoll illi prattikament l-intimata ilha tul hajjet uliedhom tiehu d-decisjonijiet kollha relatati mal-minuri wahidha u li ormai il-komunikazzjoni bejn il-partijiet mhiex wahda pozittiva. L-intimata tirrileva illi l-attur mhuwiex persuna affidabbli u li certu decisjonijiet jehtiegu li jitiehdu minghajr dewmien.

Din il-Qorti wara li ezaminat il-provi kollha prodotti, ma tqisx illi jezistu l-estremi ravvizati mill-ligi u mill-gurisprudenza li ghandhom jizvestu il-genitur f'dan il-kaz l-attur, mill-kura u l-kustodja tal-ulied. Fid-dawl ta' tali konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis illi filwaqt li decisjonijiet ordinarji ghandhom jibqghu jittiehdu mill-omm, gialadarba l-attur tramite dawn il-proceduri qieghed jirrikonoxxi lill-minuri bhala uliedu, d-decisjonijiet straordinarji li jirrigwardaw l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri ghandhom jittiehdu minn entrambi l-genituri. Illi l-istess jinghad ghall-hrug u tigdid tal-passaport tal-minuri. Illi din il-Qorti tissollecita lill-partijiet sabiex jithargu f'korsijiet ta' c*o-parenting* provduti mill-agenziji relattivi tal-Istat, sabiex possibbilment u b'dana l-mod, jigi restawrat rapport hieni u seren bejn il-partijiet ghall-gid tal-ulied.

Illi fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti zzomm ferm ma' dak ordnat minnha fid-digriet taghha tas-26 ta' Awwissu 2019, fejn awtorizzat lill-attur isegwi l-progress edukattiv tal-minuri bi dritt li jitlob l-informazzjoni kollha relattiva minghand id-dirigenti tal-iskola fejn jattenu l-minuri, u tordna illi filwaqt li l-minuri ghandhom ikollhom ir-residenza primarja taghhom mal-omm, il-kura u l-kustodja tal-istess minuri ahwa C ghandha tkun wahda kongunta b'dana illi decisjonijiet ordinarji ghandhom jibqghu jittiehdu mill-omm, filwaqt li decisjonijiet straordinajri li jirrigwardaw l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri ghandhom jitiehdu minn entrambi l-genituri.

Fir-rigward access, din il-Qorti semghat illi l-minuri qieghdin ikunu riluttanti sabiex imorru ghall-access mal-missier, u illi kien hemm perjodu ta' circa sena u nofs fejn ma kienx hemm access, ghalkemm jirrizulta illi kien hemm xi telefonati bejn il-minuri u l-attur. Din il-Qorti rat illi fid-digriet taghha tas-26 ta' Awwissu 2019, ordnat illi jkun hemm access kull nhar ta' Tlieta mill-5pm sas-7pm u kull nhar ta' Sibt mill-10am sas-6pm. Illi din il-Qorti taghraf illi l-minuri qieghdin jikbru, b'dana illi t-tifel il-kbir diga' qieghed fi stadju ta' adolexxenza. Din il-Qorti taghraf illi l-figura paterna hija importanti hafna fil-hajja tal-ulied, u tqis illi l-frekwenza tal-access ordnat fis-su citat digriet ghandu jservi sabiex l-attur bil-mod jerga' jibda jibni rapport ma' uliedu, b'dana illi ghandu jhejji attivitajiet u hargiet li ghandhom ikunu ta' idonji ghall-eta tal-minuri u wkoll ta' interess ghall-istess minuri.

Din il-Qorti rat illi permezz ta' digriet *pendente lite* datat 26 ta' Awwissu 2019, din il-Qort ordnat lill-intimat jivversa s-somma ta' EUR 400 fix-xahar bhala manteniment ghaz-zewg minuri, oltre nofs l-ispejjes ta'sahha u edukazzjoni. Illi din il-Qorti ma taghrafx raguni valida ghaliex ghandha tvarja dana d-digriet u ghalhekk tordna illi l-manteniment dovut ghandu jibqa' dak fl-ammont ta' EUR 400 fix-xahar ghaz-zewg ulied. Din il-Qorti tordna illi sabiex jigu evitati dizgwidi inutli bejn il-partijiet, dana l-manteniment ghandu jinqata' direttament mill-paga tal-attur u/jew minn kwalsiasi introjtu u/jew beneficcju socjali, u/jew penzjoni li l-attur jista talvolta jippercepixxi, liema ammont ghandu jigi versat lill-intimata f'kont bankarju indikat minnha stess. Illi l-attur ghandu ukoll jivversa nofs l-ispejjes ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari unika ghal kull tifel u dana fuq il-prezentata tal-ircevuti relattivi liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien ghaxart ijiem mill-prezentata tal-ircevuti. Illi dana l-manteniment ghandu jghola skond l-indici tal-gholi tal-hajja u ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri jghalqu tmintax- il sena jekk jiddeciedu li jiefqu mill-istudji taghhom u jibdew jahdmu fuq bazi *full-time* jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedu li jkomplu bl-istudji taghhom fuq bazi *full-time.*

Fir-rigward it-talba ghall-arretrati ta'manteniment, u spejjes ta' sahha u edukazzjoni inkorsi mill-intimata ghall-minuri, din il-Qorti rat illi l-attur jishaq illi hu kien jghaddi lill-intimata l-paga kollha mix-xoghol *full-time* tieghu waqt li hu kien juza il-paga tal-*part-time* tieghu ghall-bzonnijiet personali tieghu. Jinsisti illi kien hemm perjodi ta' zmien fejn ghexu flimkien u sahanasitra anke ghamel xi zmien jghix maghhom il-Qrendi fir-residenza moghtija lill-intimata mill-*Housing Authority*. Illi t-testimonjanza tal-attur ma gietx sottoposta ghall-kontro-ezami. Da parti taghha, l-intimata tirrileva illi l-kontribut tal-attur fit-trobbija tal-minuri kien wiehed minimu tul iz-zmien, u li kienet hi li kellha taghmel tajjeb ghall-ispejjes relatati mat-trobbija tal-minuri.

Din il-Qorti rat illi mit-testimonjanza tar-rapprezentata tas-Sigurta Socjali *a fol 61 et seq* jidher illi l-intimata kienet inghatat *over payments* stante li filwaqt li kienet qieghda tippercepixxi beneficji moghtija mill-Istat ghall-*single mothers* li jirrisjedu wahidhom, lid-Dipartiment irrizultalu illi l-intimata kienet qieghda tirrisjedi ma terzi li ma kienux identifikati. Illi mid-dokumentazzjoni *a fol 68* tal-atti, jidher illi dana l-*overpayment* kien ikopri l-perjodu bejn April tas-sena 2017 u Ottubru 2018 u cioe hafna zmien **wara** li giet terminata r-relazzjoni bejn il-kontendenti. Din il-Qorti rat ukoll illi fix-xhieda taghha, l-intimata qatt ma nnegat li kienet idea taghha li l-minuri jigu registrati f'isem "missier mhux maghruf" izda hi ssostni raguni differenti minn dik indikata mill-attur, u cioe ghaliex l-attur qatt ma kien persuna responsabbli u li hi ma setghatx torbot fuqu finanzjarjament, u ghaldaqstant kellha tistrieh fuq ammont cert ta' flus li hija kienet tippercepixxi mill-Istat kull erba' gimghat. Din il-Qorti tosserva ukoll illi l-intimata qatt ma intavolat proceduri da parti taghha sabiex il-minuri jigu rikonoxxuti mill-attur jew resqet talba ghall-manteniment taghhom, u kien biss tramite dawn il-proceduri li hija ntavolat kontro-talba.

Din il-Qorti wara li qieset dak rilevat mill-partijiet fil-kontro talba u fir-risposta ghall-kontro talba, u kif ukoll dak li gie sottomesss mill-abbli difensuri legali tal-partijiet waqt it-trattazzjoni tal-kawza, taghmel referenza ghas-segwenti decisjoni tal-Qorti tal-Familja fl-ismijiet: ***AB f'ismiha propju u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri C vs DE (Cit. Nru. 1211/2000/1) deciza 24 ta' Frar 2010 mill-Onor Imhallef N Cuschieri***:

> [***1] Illi gjaladarba jirrizulta stabbilit, bir-rikonoxximent tal-minuri u wkoll bil-konferma bit-testijiet genitici, li dan huwa l-wild naturali tal-konvenut, allura jiskatta l-obbligu da parti l-konvenut, qua genitur, li jmantni, jew jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' ibnu sakemm dan jsir maggjorenni;***
>
> ***[2] Illi, kuntrarjament ghal dak sottomess b' mod konciz ghall-ahhar mill-konvenut, dan l-obbligu tal-konvenut jirrizali ghad-data tat-twelid tat-tifel, ghax la darba "dak l-istat gie accertat, ghandu naturalment jigi accertat mill-gurnata tat-twelid, ghax huwa assurd, diversament illi [il-konvenut] ikun missier bl-obbligu inerenti mill-gurnata tas-sentenza biss u mhux qabel." Din il-Qorti tosserva ulterjorment li, kemm ir-rikonoxximent kif ukoll is-sentenza li ddikjarat il-paternita', ghandhom biss effett dikjaratorju ta' dritt inerenti gja ezistenti.***

Illi l-konvenut appella minn din id-decisjoni, izda dana l-hsieb gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta'Novembru 2011. Illi dan dejjem kien il-hsieb addottat mill-Qrati nostrani. Illi filfatt fil-kawza **Grech v. Magri**, deciza fl-20 ta' Dicembru, 1946, kienet ghamlet din l-osservazzjoni fuq l-obbligu tal-missier li jmantni lill-ibnu sa mit-twelid tat-tarbija:

> ***"Lanqas jista' jigi obbjettat illi meta l-attrici forniet dawk l-alimenti l-appellant ma kienx ghadu dikjarat, almenu in parti minnhom, missier naturali tal-minorenni, ghaliex ladarba s-sentenza ta' dina l-Qorti ddikjaratu missier naturali, dak l-istat, li ghandu jiswa quod omnes jirretroagixxi ghall-gurnata tat-twelid; ghaliex, kif jghid Laurent, Diritto Civile, VOL IV, nru. 20 et seq (ghalkemm dan l-awtur jittratta fuq ir-rikonoxximent volontarju), illi ladarba dak l-istat gie accertat, ghandu naturalment jigi accertat mill-gurnata tat-twelid, ghax huwa assurd, diversament, illi l-appellant ikun missier bl-obbligi inerenti mill-gurnata tas-sentenza biss u mhux qabel.***

Tali gurisprudenza ghaldaqstant stabbilit illi l-arretrati tal-manteniment ghandhom jirrisalu ghad-data tat-twelid tal-minuri rikonoxxut. Fir-rigward il-kwistjoni tal-preskrizzjoni din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza pjena ghal dak rilevat fid-decisjoni fl-imsijiet **AB f'isimha proprio u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri LF nominata b'digriet tat-18 ta' Jannar 2011 Vs SF deciza nhar is-26 ta' Otturbu 2020** rigward il-preskrizzjoni tal-manteniment ghall-ulied:

> *Il-konvenut eccepixxa illi t-talba attrici ghall-arretrati ta' manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156 (b) tal-Kodici Civili, u l-Qorti tqis illi jkun utli li tigi l-ewwel net ezaminata din l-eccezzjoni. Dan l-artikolu jipprovdi illi "l-azzjonijiet ghall-hlas ta' pensjoni ghall-manteniment" jaqghu bi prskrizzjoni ta' hames snin. L-artikolu 2123 (b) jipprovdi illi l-preskrizzjoni ma timxix bejn il-genitur u t-tifel li hu li hu taht is-setgha tal-genituri."*

1. Mifhum li l-preskrizzjoni ma timxix ghall-manteniment bejn il-genitur u t-tifel, u fid-dawl tax-xhieda kontradittorja tal-partijiet, u fid-dawl tal-fatt illi huwa evidenti li entrambi l-partijiet kienu ben konxji tal-passi li kellhom jiehdu sabiex japprofitaw ruhhom mill-beneficcji illi joffri l-Istat, il-Qorti tqis li ghandha tillikwida l-arretrati ta' manteniment biss mis-sena 2015, stante illi kif affermat minn entrambi l-partijiet ir-relazzjoni tal-partijiet intemmet fis-sena 2014. Illi ghalhekk din il-Qorti tordna lill-attur sabiex jivversa

l-ammont ta' EUR 200 ghal kull wild kull xahar mis-sena 2015 sad-data tad-digriet *pendente lite* ta' din il-Qorti tal-26 ta' Awwissu 2019, liema arretrati ta' manteniment jammontaw ghall-tnejn u ghoxrin elf Ewro (EUR 22,000). [11] Dan l-ammont ta' arretrati ta' manteniment jinkludi sehem l-attur mill-ispejjes ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari.

Rigward il-kap tal-ispejjez, il-Qorti rat illi l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez hija regolata mill-ligi u cioe l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

***"(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.***

***(2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."***

Il-Qorti rat illi l-attur intavola l-proceduri odjerni madwar tmien (8) snin wara t-twelid tal-ewwel wild, b'dana illi jidher li s-sitwazzjoni antecedenti ghall-intavolar tal-proceduri *de quo,* minkejja li entrambi l-partijiet kienu jafu dwar il-paternita' reali tal-minuri uliedhom, effettivament kienet wahda komda ghaz-zewg partijiet. Li kieku dan ma kienx minnu, xi hadd mill-partijiet kien jintavola l-proceduri relattivi ferm qabel it-trapass ta' circa tmien' (8) snin. Illi oltre minn hekk, l-intimata setghet facilment tirrispondi ghall-ewwel ittra ufficjali intavolata mill-attur, flok ma prezentat in-nota li saret referenza ghaliha fl-ewwel parti tal-konsiderazzjonijiet maghmula minn dina l-Qorti. Illi fid-dawl ta' dan il-fatt, din il-Qorti tqis illi l-partijiet S u C ghandhom ibghatu l-ispejjez taghhom filwaqt illi l-ispejjez tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ghandhom jithallsu fi kwoti ugwali mill-istess S u C.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

2. **Tiddikjara li l-minuri VC li twieled nhar X, liema twelid gie registrat bin-numru 1174/2010 u NC li twieled nhar Y, liema twelid gie registrat bin-numru 2901/2012 ahwa C, huma effettivament l-ulied naturali tar-rikorrenti FS;**

---

[11] Arretrati ta' Manteniment: Mit-2015-2018 =4 snin= 48 xahar/ is-sena 2019 minn Jannar sa Lulju – 7 xhur = total ta' 55- il xahar: Eur 400 (x2 subien)* 55 xahar= EUR 22,000

3. **Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha necessarji fl-Att tat-Twelid tal-minuri VC u NC sabiex tigi riflessa il-verita' dwar il-paternita' tal-minuri fosthom: billi fil-kolonna fejn hemm indikat id-dettalji tal-missier, jigu kancellati l-kliem 'missier mhux maghruf' u minflok jigu nseriti isem u kunjom ir-rikorrenti u cioe FS detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0107289M imwieled Pieta, fil-kolonna "Eta'" b'referenza ghall-missier tal-minuri inizzel in-numru "22" fl-att tat-twelied tal-minuri VC u in-numru "24" fl-att tat-twelied tal-minuri NC , fil-kolonna Joqghodu", in kwantu jirrigwarda l-intestata "Missier it-tarbija" inizzel l-post "Haz Zebbug" fl-att tat-twelid tal-minuri VC u "Birkirkara" fl-att tat-twelid tal-minuri NC , inizzel il-kliem "CS" (Alive)" fil-kolonna "Isem u Kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet";**

4. **Tordna illi kunjom il-minuri ghandu jigi sosstitwit minn 'C' ghal "CS";**

5. **Tordna illi filwaqt li l-minuri ghandhom ikollhom ir-residenza primarja taghhom mal-omm, il-kura u l-kustodja tal-istess minuri ahwa CS ghandha tkun wahda kongunta bejn il-partijiet b'dana illi decisjonijiet ordinarji ghandhom jibqghu jittiehdu mill-omm, filwaqt li decisjonijiet straordinajri li jirrigwardaw l-edukazzjoni, sahha, passaport u vjaggar tal-minuri ghandhom jittiehdu minn entrambi l-genituri;**

6. **Tordna illi l-attur ghandu jkollu access versu uliedu bil-mod segwenti: kull nhar ta' Tlieta mill-5pm sas-7pm u kull nhar ta' Sibt mill-10am sas-6pm;**

7. **Tordna illi l-attur ghandu jivversa l-manteniment fl-ammont ta' EUR 400 fix-xahar ghaz-zewg ulied, b'dana li l-manteniment ghandu jinqata' direttament mill-paga tal-attur u/jew minn kwalsiasi introjtu u/jew beneficcju socjali, u/jew penzjoni li l-attur jista talvolta jippercepixxi, liema ammont ghandu jigi versat lill-intimata f'kont bankarju indikat minnha stess. Illi l-attur ghandu ukoll jivversa nofs l-ispejjes ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari unika ghal kull tifel liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien ghaxart ijiem mill-prezentata tal-ircevuti relattivi. Illi dana l-manteniment ghandu jghola skond l-indici tal-gholi tal-hajja u ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri jghalqu tmintax- il sena jekk jiddeciedu li jiefqu mill-istudji taghhom u jibdew jahdmu fuq bazi *full-time* jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedu li jkomplu bl-istudji taghhom fuq bazi *full-time.***

8. **Tordna illi l-attur ghandu jivversa l-ammont ta'EUR 200 ghal kull wild kull xahar mis-sena 2015 sad-dad-data tad-digriet *pendente lite* ta' din il-Qorti tal-26 ta' Awwissu 2019, bhala arretrati ta' manteniment dovuti, liema arretrati ta' manteniment jammonta ghall-tnejn u ghoxrin elf Ewro (EUR 22,000). [12] Dan l-ammont ta' arretrati ta' manteniment jinkludi sehem l-attur mill-ispejjes ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari; u tilqa' t-talbiet tal-partijiet u tichad l-eccezzjonijiet tal-partijiet kif fuq indikat fejn applikabbli.**

**Kull parti thallas l-ispejjez taghha, waqt li l-ispejjez tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ghandhom jigu divizi ugwalment bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

[12] Arretrati ta' Manteniment: Mit-2015-2018 =4 snin= 48 xahar/ is-sena 2019 minn Jannar sa Lulju – 7 xhur = total ta' 55- il xahar: Eur 400 (x2 subien)* 55 xahar= EUR 22,000